MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 460/2013

**Godwin Gatt (ID 465166M) ezercenti l-kummerc taht l-isem Shopline Marketing**

**Vs**

**Abdallah Nawafleh (ID 24907A) ezercenti l-kummerc taht l-isem Seven Eleven**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 7 ta' Novembru, 2014 li permezz tieghu l-attur ippremetta illi:

Qed jitlob is-somma ta' elf sitt mija u erbgha ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,604.76c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut ezercenti l-kummerc taht l-isem Seven Eleven fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa' ma thallasx;

Minkejja li ga gie interpellat sabiex ihallas inkluz permezz tal-ittra bonarja datata 14 ta' Mejju, 2013 (Dok A) il-konvenut baqa' inadempjenti;

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi ndikati fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok B sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut ingunt in Subizzjoni 'nkluz dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-11 ta' Frar, 2015 mill-Avukat Dr Victor Axiaq u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur fl-ammont ta' elf sitt mija u erbgha ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,604.76c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------